PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2001/0270(CNS)

19.9.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u manifestazzjonijiet ta' razziżmu u ta' ksenofobija permezz tal-liġi kriminali
(11522/2007 – C6-0246/2007 – 2001/0270(CNS))

Konsultazzjoni mill-ġdid

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Martine Roure

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 11

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u manifestazzjonijiet ta' razziżmu u ta' ksenofobija permezz tal-liġi kriminali

(11522/2007 – C6-0246/2007 – 2001/0270(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni - konsultazzjoni mill-ġdid)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kunsill (11522/2007),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2001)0664)[1],

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu ta' l-4 ta' Lulju 2002[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 34(2)(punt b) tat-Trattat ta' l-UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat ta' l-UE, li bis-saħħa tiegħu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0246/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 93, 51 u 55, paragrafu 3 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0000/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kunsill kif emendata;

2. Jitlob lill-Kunsill sabiex jemenda t-test f'dan is-sens;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tiegħu b'mod sostanzjali jew li jibdilha ma' xi test ieħor,

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test tal-Kunsill	Emendi tal-Parlament
	Emenda 1 Premessa 9 a (ġdida)

[1] ĠU C 75 E, 26.3.2002, p. 269.
[2] ĠU C 271 E, 12.11.2003, p. 558.

(9a) It-twettiq ta' offiża li taqa' fl-ambitu tar-razziżmu jew tal-ksenofobija waqt l-eżerċizzju ta' attività professjonali irid jiġi meqjus bħala ċirkustanza aggravanti peress li dan jikkostitwixxi abbuż u huwa ħaġa li b'mod partikolari ta' min jistmellha .

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li din il-premessa, li kienet tidher fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, terġa' tiddaħħal mill-ġdid. Fil-fatt, huwa ta' spiss diffiċli ħafna għall-vittmi tar-razziżmu u tal-ksenofobija li jaffermaw id-drittijiet tagħhom. In-natura aggravanti fil-qasam tax-xogħol spiss hija l-mezz l-aktar li jintuża biex dan isir.

Emenda 2
Artikolu 1, paragrafu 1, punt (c)

c) li b'mod pubbliku jiġu skużati, miċħuda jew trivjalizzati b'mod serju r-reati ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra kif definiti fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' l-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, diretti kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp definit b'referenza għar-razza, il-kulur, ir-reliġjon, in-nisel jew l-oriġini nazzjonali jew etnika meta tali mġiba *x'aktarx* tinċita l-vjolenza jew il-mibegħda kontra *tali* grupp jew membru ta' tali grupp;	c) li b'mod pubbliku jiġu skużati, miċħuda jew trivjalizzati b'mod serju r-reati ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra kif definiti fl-Artikoli 6, 7 u 8 ta' l-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, diretti kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp definit b'referenza għar-razza, il-kulur, ir-reliġjon, in-nisel jew l-oriġini nazzjonali jew etnika ***jew*** meta tali mġiba *titwettaq b'manjiera li tirriskja li* tinċita l-vjolenza jew il-mibegħda kontra grupp *ta' persuni* jew membru ta' tali grupp;

Ġustifikazzjoni

L-atti intenzjonati ddefiniti f'dan il-punt iridu jkunu jistgħu jiġu segwiti anke meta ma jinċitawx il-mibegħda jew il-vjolenza għax iċ-ċaħda jew it-tnaqqis serju tal-gravità tad-delitti ta' ġenoċidju jikkostitwixxu forma ta' razziżmu.

Emenda 3
Artikolu 1, paragrafu 1, punt (d)

d) li b'mod pubbliku jiġu skużati, miċħuda jew trivjalizzati b'mod serju r-reati definiti	d) li b'mod pubbliku jiġu skużati, miċħuda jew trivjalizzati b'mod serju r-reati definiti

fl-Artikolu 6 tal-Karta tat-Tribunali Militari Internazzjonali mehmuż għall-Ftehim ta' Londra tat-8 ta' April 1945, imwettqa kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp definit b'referenza għar-razza, il-kulur, ir-reliġjon, in-nisel, jew l-oriġini nazzjonali jew etnika meta tali mġiba x'aktarx tinċita l-vjolenza jew il-mibegħda kontra tali grupp jew membru ta' tali grupp;	fl-Artikolu 6 tal-Karta tat-Tribunali Militari Internazzjonali mehmuż għall-Ftehim ta' Londra tat-8 ta' Awissu 1945, imwettqa kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp definit b'referenza għar-razza, il-kulur, ir-reliġjon, in-nisel, ***jew*** l-oriġini nazzjonali jew etnika meta tali mġiba x'aktarx tinċita l-vjolenza jew il-mibegħda kontra tali grupp jew membru ta' tali grupp;

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni ta' qabel.

Emenda 4
Artikolu 1, paragrafu 1, punt (e)

Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jikkastigaw biss l-imġiba li titwettaq b'mod ***li x'aktarx tfixkel l-ordni pubblika jew tkun ta' theddida, abużiva jew ta' insult.***	e) Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jikkastigaw biss l-imġiba li titwettaq ***b'mod li jhedded, jinġurja jew jinsulta.***

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' 'theddida għall-ordni pubblika" hu vag wisq u aħjar li jitneħħa.

Emenda 5
Artikolu 1, paragrafu 1, punt (f)

f) Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ir-referenza għar-reliġjon hija intiża biex tkopri, għal ta' l-inqas, l-imġiba li hija pretest għall-indirizzar ta' atti kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp definit b'referenza għar-razza, il-kulur, ir-reliġjon, in-nisel, jew l-oriġini nazzjonali jew etnika.	f) Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ir-referenza għar-reliġjon hija intiża biex tkopri, għal ta' l-inqas, l-imġiba li hija pretest għall-indirizzar ta' atti kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp definit b'referenza għar-razza, il-kulur, ir-reliġjon, in-nisel, jew l-oriġini nazzjonali jew etnika. ***Stat Membru madankollu ma jista' jeskludi minn responsabbilità kriminali ebda kelma jew imġieba li tkun intenzjonata biex tqanqal il-mibgħeda***

razzjali.

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu jikkosttitwixxi restrizzjoni importanti għall-miżuri li jittieħdu fil-ġlieda kontra r-razziżmu bbażat fuq it-twemmin reliġjuż. Ikun tajjeb li jiġi aċċertat kemm jista' jkun possibbli li il-kliem jew l-imġieba kollha li jkollhom l-iskop li jistigaw il-mibgħeda razzjali jkunu suxxettibbli għal sanzjonijiet kriminali.

Emenda 6
Artikolu 1(2)

2. Kwalunkwe Stat Membru jista', fil-ħin ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru mill-Kunsill, jagħmel dikjarazzjoni li huwa ser jagħmel iċ-ċaħda jew it-trivjalizzazzjoni b'mod serju tar-reati msemmija fil-paragrafu 1(ċ) u/jew (d) kastigabbli biss ***jekk*** ir-reati msemmija f'dawn il-paragrafi jkunu ġew stabbiliti b'deċiżjoni finali ta' qorti nazzjonali ta' dan l-Istat Membru ***u/jew ta' qorti internazzjonali*** jew b'deċiżjoni finali ta' qorti internazzjonali biss.	2. Kwalunkwe Stat Membru jista', fil-ħin ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru mill-Kunsill, jagħmel dikjarazzjoni li huwa ***mhux*** ser jagħmel kastigabblii ċ-ċaħda jew it-trivjalizzazzjoni b'mod serju tar-reati msemmija fil-paragrafu 1(ċ) u/jew (d) ***ħlief jekk*** ir-reati msemmija f'dawn il-paragrafi ***jkunu ġew ddikkajrati bħal tali*** b'leġiżlazzjoni nazzjonali jew ***jekk*** ikunu ġew stabbiliti b'deċiżjoni finali ta' qorti nazzjonali ta' dan l-Istat Membru ***jew*** b'deċiżjoni finali ta' qorti internazzjonali biss. ***L-Istat membru għandu jinforma b'dan lill-Kummissjoni.***

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li l-Artikoli operattivi jkunu konsistenti mal-Premessa 10 li tistipula li Stat Membru jista' jadotta miżuri legali interni, bħal pereżempju f'leġiżlazzjoni nazzjonali, biex jiġġieled kontra l-atti intenzjonali deskritti f'paragrafi 1 (c) u 1 (d).

Emenda 7
Artikolu 7 a (ġdid)

	Artikolu 7a ***Miżuri minimi*** ***1. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu livell ta' protezzjoni aktar għoli fil-ġlieda kontra r-razziżmu u żenofobija minn dak li joħroġ mill-miżuri ta' din id-deċiżjoni ta' qafas.***

	2. Fi kwalunkwe każ, l-implimentazzjoni ta' din id-deċiżjoni ta' qafas ma tistax tikkostitwixxi raġuni biex jitbaxxa l-livell ta' protezzjoni diġà stabbilit mill-Istati Membri fl-oqsma rregolati minn din id-deċiżjoni ta' qafas. ***3. Xejn f'din id-deċiżjoni ta' qafas ma jista' jiġi interpretat bħala obbliġu li jista' jxekkel lill-Istati Membri fir-rigward tal-Konvenzjoni internazzjonali għall-eleminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni razzjali tas-7 ta' Marzu 1966. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw din id-deċiżjoni ta' qafas b'konformità ma' dawn l-obbligi.***

Ġustifikazzjoni

Id-Deċiżjoni ta' qafas għandha tinkludi klawsola li tieħi ħsieb li ma jkunx hemm rigressjoni u sabiex jiġi evitat li l-implimentazzjoni tagħha ma twassalx biex ddgħajjef il-protezzjoni diġà eżistenti li jipprevedi l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/43/KE (paragrafi 1 u 2). Għandha tinkludi wkoll miżura li timponi li l-implimentazzjoni tagħha ma tkunx ta' ħsara għal xi obbligu impost mill-Konvenzjoni internazzjonali għall-eleminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni razzjali (paragrafu 3).

Emenda 8
Artikolu 10(3)

3. Qabel ma jgħaddu tliet snin mill-iskadenza msemmija fl-Artikolu 10(1), il-Kunsill għandu jirrevedi din id-Deċiżjoni Kwadru. For the preparation of this review, the Council shall ask Member States whether they have experienced difficulties in judicial cooperation with regard to the offences under Article 1 paragraph 1. In addition, the Council may request Eurojust to submit a report, on whether differences between national legislations have resulted in any problems regarding judicial cooperation between the Member States in this area.	3. Qabel ma jgħaddu tliet snin mill-iskadenza msemmija fl-Artikolu 10(1), il-Kunsill għandu jirrevedi din id-Deċiżjoni Kwadru. Sabiex jiġi ppreparata din i-reviżjoni il-Kunsill għandu jitlob lill-Istati Membri jekk ikunux sabu xi problemi fil-livell tal-koperazzjoni ġudizzjarja rigward ir-reati stipulati fl-Artikolu 1 (1) u ***għandu jikkonsulta mal-Parlament Ewropew. Fir-reviżjoni l-Kunsill għandu jikkunsidra l-opinjoni ta' l-Aġenzija Ewropea għad-drittijiet fundamentali u ta' l-NGOs li jaħdmu f'dan il-qasam.*** Barra minn hekk, il-Kunsill jista' jitlob lill-Eurojust biex tippreżenta rapport li jindika jekk id-differenzi li hemm bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, ħolqux problemi rigward

kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam.

Justification

Ikun tajjeb li l-Parlament Ewropew ikun ikkonsultat waqt ir-reviżjoni tad-deċiżjoni ta' qafas u li l-opinjonijiet ta' l-NGOs u ta' l-Aġenzija għad-drittijiet fundamentali jiġu studjati wkoll.

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni

L-ewwel rapport ta' l-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ta' Awissu 2007 turi li delitti relatati mar-raziżżmu qed jiżdiedu f'talanqas tmien Stati ta' l-Unjoni Ewropea. Ir-rapport jgħid li "vjolenza u delitti relatati mar-razziżmu għadhom marda soċjali serja fl-Ewropa kollha'. Dan jenfasizza għal darb'oħra l-ħtieġa urġenti għall-azzjoni f'livell Ewropew kontra l-ħażen tar-razziżmu, l-intolleranza u l-ksenofobija.

L-Istati Membri kollha għandhom, talanqas sa ċertu livell, leġiżlazzjoni kontra r-razziżmu u l-ksenofobija, imma jeżistu wkoll differenzi. Dawn id-differenzi jindikaw il-ħtieġa ta' armonizzazzjoni fil-livell Ewropew sabiex ikun hemm azzjoni effettiva fil-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija f'kuntest transkonfinali u fl-Ewropa kollha b'mod ġenerali.

Sfond storiku

Fl-1996 il-Kunsill adotta l-azzjoni konġunta 96/443/JAI fil-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija. Dan l-istrument jistabillixi miżuri favur l-armonizzazzjoni tal-liġi penali fl-Istati Membri u miżuri biex tittejjeb l-assistenza reċiproka fil-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija.

F'Novembru 2001 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni ta' qafas dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija[1] b'mira doppja: li l-istess tip ta' atti razzisti u ta' atti ta' ksenofobija jkunu suġġetti għall-istess penali fl-Istati Membri kollha; u sabiex tittejjeb il-koperazzjoni ġudizzjarja f'dan il-qasam. Din il-proposta kienet tindika progress rigward azzjoni konġunta għaliex ma tippermettix aktar lill-Istati Membri li jagħżlu jekk jikkriminalizzawx din l-attività jew li jidderogawha minħabba l-prinċipju ta' ne bis in idem , iżda minflok iġġegħelhom jadottaw miżuri biex jikkastigaw din l-attività bħala offiża kriminali.

Minkejja għadd ta' diskussjonijiet fil-Kunsill irriżulta impossibbli li jintlaħaq ftehim dwar dan it-test. FL-2006 d-delegrazzjoni Taljana, li sa dak iż-żmien kienet konsistentement opponiet il-proposta (u li f'Marzu 2003 kienet ressqet test alternattiv), irtirat ir-riżervi tagħha. Dan ippermetta li d-dibattitu jerġa' jitnieda fuq il-bażi ta' formola ta' kompromess li pproponiet il-Presidenza Lussermburgiża fl-2005. Grazzi għall-isforzi tal-Presidenza Ġermaniża fid-19 ta' April 2007 l-Kunsill wasal għal ftehima politika [2].

Il-Parlament Ewropew adotta opinjoni inizjali fl-4 ta' Lulju 2002 (ir-Rapport Ceyhun -TS-363/2002 [3]). Madankollu, din l-opinjoni kienet ibbażata fuq il-proposta inizjali tal-Kummissjoni ta' l-2001. It-test tal-Kunsill huwa l-frott ta' bosta snin ta' negozjati u għalhekk jintrodċi bosta bidliet sostanzjali; huwa raġjonevoli għalhekk li l-Parlament għandu jiġi

[1] COM(2001)664, ĠUC 75 E, 26.3.2002, p 269.
[2] Dokument 5118/07 DROIPEN 1.
[3] ĠU C 271 E, 12.11.2003, p 379.

kkonsultat.

Pożizzjoni tar-Rapporteur.

Ir-Rapporteur tilqa' l-fatt li l-Kunsill saflaħħar laħaq ftehim fuq proposta għal deċiżjoni ta' qafas dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija. Il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej, kif ukoll il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija b'mod partikulari, jikkostitwixxu tabilħaqq waħda mill-prijoritajiet l-kbar ta' l-UE. Kien għalhekk ta' ħassib kbir ħafna li l-Kunsill ma kienx irnexxilu jilħaq ftehim fuq proposta bħal din. L-Unjoni jeħtieġ li tadotta dan it-test u tibgħat messaġġ politiku qawwi f'ġieh id-drittijiet fundamentali.

Madankollu, ir-Rapporteur jiddispjaċiha li t-test tal-Kunsill ma rnexxilux jagħmel progress qawwi u jilqa' l-isfida politika li tirrapreżenta l-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija. B'xorti ħażina, huma ftit l-elementi li baqa' mill-proposta tal-Kummissjoni ta' l-2001 li l-Parlament fl-ewwel rapport tiegħu kellu l-iskop li jsaħħaħ. Ir-Rapporteur tagħraf kemm il-ħtieġa kif ukoll id-diffikulta li jintlaħaq kompomess, imma jiddispjaciha li tali kompromess intlaħaq b'detriment għall-kwalità legali tal-proposta għall-deċiżjoni ta' qafas. B'mod partikulari hija inkwetata dwar ir- restrizzjoni sostanzjali għall-ambitu tagħha. Ħasra wkoll li l-lista ta' offiżi, kontra dak li hemm fil-proposta tal-Kummissjoni, ma tinkludix insulti jew li wieħed ikun l-kap ta' grupp razzist.

Barra minn hekk, il-limitu addizzjonali attribwit għall-ambitu ta' l-Artikolu 1 (1) - jiġifieri t-tneħħija ta' ċerti elementi ta' razziżmu bbażati fuq twemmin reliġjuż - fl-opinjoni tar-Rapporteur huwa eċċessiv u jeħtieġ li jkun emendat sabiex jiġi żgurat li dan it-tip ta' razziżmu jkun suġġett għall-prosekuzzjoni kif inhuma l-oħrajn. L-istess jingħad għaż-żieda ta' rekwiżit li jgħid li l-imġieba meqjusa kriminali fl-Artikolu 1(1)(c) u (d) għandha tkun "li x'aktarx li tista' tinċita għall-vjolenza u l-mibgħeda". Trivjalizzazzjoni tar-reat ta' ġenoċidju huwa forma ta' razziżmu u l-Istati Membri għandhom ikollhom is-setgħa li jimponu kastig għaliha, ukoll jekk ma jkunx hemm involut l-inċitament għall-mibgħeda u għall-vjolenza.

Madankollu, ir-Rapporteur tħoss li d-deċiżjoni ta' qafas tindika pass tal-bidu sinifikanti lejn tisħiħ tal-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija fil-livell Ewropew u sabiex tinkiseb armonizzazzjoni fuq il-kwistjoni. Hija u tibqa' ta' importanza vitali li din tiġi adottata. Minkejja dan, ir-Rapporteur tinsisti li l-Unjon se jkollha bżonn tieħu passi oħrajn meta ssir r-reviżjoni tad-deċiżjoni ta' qafas wara tliet snin. Hija qed tipproponi wkoll li jiżdied paragrafu (l-Artikolu ġdid 7a) li jistipula klawsola li ma tħallix li jkun hemm rigressjoni hekk li jiġi żgurat li d-direttiva ta' qafas ma tnaqqasx il-livelli ta' protezzjoni eżistenti skond l-Artikolu 6 tad-direttiva dwar ir-razziżmu (Direttiva 2000/43/EK) u tagħti garanzija li ma tippermettix livelli aktar baxxi ta' protezzjoni minn dawk li tiggarantixxi l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-eliminazzjoni ta' kull għamla ta' diskriminazzjoni razzjali.

Ir-Rapporteur tfakkar li sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-ġlieda kontra r-razziżmu, id-deċiżjoni ta' qafas jeħtieġ li tkun tagħmel parti minn sistema kompleta ta' strumenti Ewropej li jiġġieldu l-forom kollha ta' diskriminazzjoni. L-aħħar rapport ta' l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali wera li d-diskriminazzjoni razzjali għadha tippersisti, b'mod partikulari fl-oqsma ta' l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni. Dan ifisser li din id-deċiżjoni ta' qafas dwar ir-razziżmu jeħtieġ li jkollha magħha l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġenerali dwar il-

ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminizzazzjoni li jirreferi għalihom l-Arikolu 13 tat-Trattat.

Fl-aħħarnett, ir-Rapporteur jiddispjaċiha li l-ambitu ta' din id-deċiżjoni ta' qafas dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u ksenofobija ġie limitat minħabba l-fatt li d-deċiżjoni kienet suġġetta għar-regolamenti ta' l-unanimità fil-Kunsill u ta' sempliċi konsultazzjoni mal-Parlament. Hija tisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi permessa l-adozzjoni b'votazzjoni b'maġġuranza kwalifikata u b'kodeċiżjoni għall-kwistjonijiet kollha tat-tielet pilastru.